31978R1740

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1740/78

tal-25 ta' Lulju 1978

li jemenda Regolament (KEE) Nru 1579/74 dwar il-proċedura biex tkun ikkalkulata t-taxxa tar-rifużjoni fuq il-prodotti proċessati miċ-ċereali u mir-ross u għall-iffissar bil-quddiem ta' din it-taxxa għal dawn il-prodotti u għall-oġġetti ta' l-ikel imħallta magħmula miċ-ċereali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea;

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2727/75 tad-29 t'Ottubru 1975 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċereali [1], kif ġie emendat l-aħħar mir-Regolament (KEE) Nru 1254/78 [2], u b'mod speċjali l-Artikolu 24 tiegħu,

Billi minħabba l-bżonn li jkun hemm iżjed informazzjoni aġġornata disponibbli fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti, jeħtieġ li jingħata lok għal tagħrif iktar spiss mill-Istati Membri; billi Regolament (KEE) Nru 1579/74 ta' l-24 ta' Ġunju 1974 [3] irid għalhekk jiġi emendat;

Billi l-miżuri li jkopri dan ir-Regolament jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni taċ-Ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 1579/74, il-paragrafu li jmiss huwa hawnhekk miżjud:

"Iżda, fil-każ tal-prodotti li jaqgħu taħt is-sottotitoli 07.06 A, 23.02 A I u 23.02 A II tat-Tariffa Komuni tad-Dwana, dawn id-dettalji jridu jkunu mgħoddija lill-Kummissjoni kuljum."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-25 ta' Lulju 1978.

Għall-Kummissjoni
Finn GUNDELACH
Viċi-President

[1] ĠU L 281, ta' l-1.11.1975, p. 1.
[2] ĠU L 156, ta' l-14.6.1978, p. 1.
[3] ĠU L 168, tal-25.6.1974, p. 7.